MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 63/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michael Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' Direttur ta' M.A Supermarkets Ltd, ta' Triq il-Pitkali, Marsa, talli fit-18 ta' Mejju, 2001 u qabel din id-data, hu naqas li jhallas lill-ex impjegati tieghu Lucienne Borg, Marco Camilleri u Janet Pace, paga, bonus u allowance tal-gimgha u kumpens flok vaganzi mhux moghtija kif huwa spjegat fil-prospett anness.
Naqas ukoll li jaghti lill-ex impjegati avviz ta' temm tal-impjieg jew kumpens minflok, kif hemm spjegat fil-prospett anness.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar, 2010, li biha, wara li

rat l-artikoli 10, 23, 29 u 41 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu jhallas lil Janet Pace is-somma ta' €1705.37, lil Marco Camilleri s-somma ta' €1183.83 u lil Lucienne Borg is-somma ta' €1124.76. Ikkundannatu wkoll ihallas is-somma ta' €116.50.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi ssib lill-appellant mhux hati ta' l-akkuzi u tilliberah minnhom u fin-nuqqas taghti piena aktar gusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi s-sentenza hija nulla w bla effett stante ikkwotat artikolu u ligi li gew revokati permezz ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) fis-sena 2002 u b'hekk l-Ewwel Qorti ma setghet tezamina l-provi fid-dawl ta' akkuzi li llum huma revokati u ma jezistux.
Illi ma sarx apprezzament tajjeb tal-provi mill-Ewwel Qorit, stante illi l-Ewwel Qorti ma tatx il-valur legali tax-xhieda li ta l-appellant fejn spjega li s-socjeta' MA Supermarkets Limited spiccat fi problemi finanzjarji u fi April 2001 kienet marret ghall-likwidazzjoni volontarja. Fil-fatt kien hemm diversi mandati ta' sekwestru u ta' qbid kontra l-imsemmija kumpanija w anki kontra l-appellant personalment. Bil-konsegwenza li l-kumpanija ma setghet thallas lill-kredituri taghha u anki lill-impjegati taghha.
Illi mill-provi prodotti jidher car minn barra strac volontarja, kien hemm ukoll strac gudizzjarju fejn kien gie appuntat stracarju Simon Vella. Skond l-artikolu 238 tal-Kap. 386 jidher car li l-appellant bhala direttur tas-socjeta' MA Supermarkets Limited tilef kontroll assolut ta' l-amministrazzjoni tal-kumpanija w anzi kien gie inibit milli jkollu xi funzjoni fil-kumpanija. L-appellant jissottometti li fil-fatt kien hemm kont bankarju fil-HSBC li l-istracarju seta

jhallas l-impjegati, izda naqas milli jaghmel hekk. L-appellant personalment ma setax jeffettwa hlas ghaliex ma kellux is-seta jiffirma cekkijiet ghas-socjeta’ w hu ma kellux fondi ghaliex kellu numru ta’ sekwestri kontra tieghu personalment.
Illi l-appellant jissottometti li l-artikolu 46 tal-Kap. 452 jsemmi direttur ta’ socjeta’ bhala wiehed mill-ufficjali ta’ socjeta’ li huwa responsabbli kriminalment, izda l-artikolu jghid : *“direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta’ dik is-socjeta’ kumpanija .....”*
Illi bil-kelma “jew” il-legislatur qed jindika li wiehed huwa sufficjenti sabiex ikun responsabbli kriminalment ghal nuqqas ta’ hlas ta’ paga w m’huwiex tassattiv li d-Direttur ikun responsabbli hu. L-appellant jissottometti li l-ufficjal iehor li huwa responsabbli huwa l-istacarju li kellu kontroll assolut ta’ l-amministrazzjoni tal-kumpanija.
Illi l-appellant ma jaqbilx ma’ l-Ewwel Qorti li tghid li kull ma qal kien li l-kumpanija “marret in liquidation” u ma gab l-ebda linja ohra difensjonali ohra. Il-fatt li socjeta’ tmur in liquidation tnehhi l-amministrazzjoni minn idejn id-diretturi u ufficjali ohra ta’ socjeta’. Bhala konsegwenza ma kellu l-ebda poter biex jevita r-reat issehh, kif titlob l-istess artikolu 46 ta’ Kap. 452.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jigi addebitat illi fit-30 ta’ Marzu, 2001, meta temm l-impjieg ta’ l-ex impjegat tieghu Raymond Borg naqas illi jaghtih gimghatejn avviz jew kumpens fl-ammont ta’ LM 101.48, ukoll li naqas li jaghti l-vaganzi kollha jew il-hlas dovut bhala kumpens kif ukoll il-bonus, kif indikat fil-bidu ta’ dan il-gudikat.

Id-difiza argumentat illi l-appellant ma hallasx il-National Insurance tal-impjegati tieghu dak iz-zmien ghax il-kumpanija kienet f’idejn stralcjarju.

Veru li kien hemm “volontary liquidation” u l-istralcjarju ha kollox f’idejh.

Argumenta li dak iz-zmien l-appellant kien direttur tal-kumpanija, izda meta l-istralcjarju ha r-responsabilita` tal-

kumpanija l-appellant ma kellux aktar kompitu, u jekk kien hemm xi hlas dovut lill-impjegati dana kellu jsir mill-istralcjarju.

Biex il-kawza tal-prosekuzzjoni tirnexxi tghid id-difiza, jrid jigi ppruvat illi d-direttur kien f'posizzjoni li jhallas. Dak iz-zmien il-kumpanija kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji u l-appellant ircieva diversi mandati personalment u ma setax ihallas, tant, illi l-kumpanija stess spiccat biex fittxet lill-appellant personalment.

La l-Ewwel Qorti accettat il-fatt li kien hemm stralcjarju, allura l-appellant ma kellux jinstab hati.

Id-difiza infurmat il-Qorti illi l-posizzjoni llum hi li l-kumpanija ghada "in liquidation" izda mhijiex likwidata, w l-appellant mhuwiex f'posizzjoni li jhallas. Tant hu hekk illi anki t-"termination forms" tal-impjegati gew iffirmati mill-istralcjarju u mhux mill-appellant.

Ikkunsidrat :

Mill-aspett legali l-Qorti trid taghmel rikors ghal Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma hemmx dubju illi f'certa zmien l-appellant kien direttur tal-kumpanija MA Supermarkets Limited, illi kellha s-sede taghha fi Triq il-Pitkali, l-Marsa.

L-artikolu 46 tal-fuq imsemmi Kap. 452 jghid car u tond *"every person who at the time of the commission of the offence was a director of the company ......"* ghandu jwiegeb ghar-reati in konnessjoni ma dan il-Kap. Ir-reat qed jigi allegat illi sar fit-30 ta' Marzu, u skond fol. 38 tal-appell numru 64/10 meta kien qed jixhed l-appellant dana qal illi l-kumpanija giet likwidata fit-23 ta' April 2001. Dana jfisser kwindi li fit-30 ta' Marzu 2001 kien ghadu responsabbli l-appellant u ma jistax jahrab mir-responsabilita` tal-hlas dovut lill-impjegati tieghu fit-termini tal-ligi.

L-appellant xehed li kien il-likwidatur illi tah parir biex ma jhallasx aktar paga, dana meta l-kumpanija kellha flus biex thallas ghax anki bieghet xi "stocks".

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni illi waslet ghaliha l-Ewwel Qorti meta ddikjarat il-linja difensjonali tal-appellant bhala wahda fjakka,  aktar u aktar meta jirrizulta illi minkejja l-kumpanija giet likwidata fit-23 ta' April, 2001 l-impjegati baqghu jahdmu mal-kumpanija sat-18 ta' Mejju, 2001.  F'dan il-perjodu ta' tlett gimghat xorta l-appellant baqa` ma hallasx xejn u ghalhekk jidhirlhu illi bhala direttur responsabbli fi zmien indikat fic-citazzjoni kellu jhallas l-ammont indikat lill-impjegati tieghu.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament  tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u ssib illi fic-cirkostanzi dina kienet ragjonevoli fil-konkluzzjonijiet taghha.  Ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------